

Brussell, 26 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11036/26

LIMITE

SIMPL 167	TRANS 450
ANTICI 173	SOC 427
CODEC 1297	AGRILEG 172
DATAPROTECT 216	PESTICIDE 50
CYBER 317	PHYTOSAN 62
TELECOM 345	VETER 103
PROCIV 146	DENLEG 67
COMPET 830	FOOD 88
MI 695	FEED 37
ENV 812	SEMENCES 51
ENT 174	CHIMIE 92
STATIS 56	FISC 241
RECH 295	ENER 479
IND 445	CONSOM 217
SAN 515	COTRA 58
AGRI 533	IA 191

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Simplifikazzjoni: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjoni għall-futur - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness nota ta' gwida mill-Presidenza għal skambju ta' fehmiet li għandu jsir dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2026.

Simplifikazzjoni: is-sitwazzjoni attwali u l-orientazzjoni għall-futur**Nota ta' gwida mill-Presidenza****ĦARSA ĠENERALI**

Bir-rapport ta' Letta u dak ta' Draghi¹ fl-isfond, il-Kunsill Ewropew appella għal "rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni"² u minn Ottubru 2024 tenna l-appell tiegħu lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati, biex jissimplifikaw ir-regoli u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fil-livell tal-UE, nazzjonali u dak reġjonali sabiex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni stabbiliet mira biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'mill-inqas 25 %, u mill-inqas 35 % għall-SMEs, sa tmiem il-mandat attwali tagħha, bil-ħsieb li tikseb iffrankar annwali tal-ispejjeż ta' €37.5 biljun għan-negożji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi permezz ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni.

F'Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew stieden lill-koleġiżlaturi jżommu l-momentum għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari billi jaqblu, qabel tmiem l-2026, dwar il-pakketti omnibus pendenti kollha, inkluż l-omnibus diġitali dwar l-IA sa Lulju 2026. Il-mexxejja tal-UE stiednu wkoll lill-Kummissjoni tressaq aktar inizjattivi omnibus u inizjattivi oħra ta' simplifikazzjoni, inkluż biex tkompli tħaffef u tissimplifika l-proċeduri tal-ippjanar u tal-permessi, u enfasizzaw l-importanza ta' prinċipju ta' "sempliċità mit-tfassil" fl-approċċ leġiżlattiv tal-UE. Din is-sejħa għet imsaħħa mill-mexxejja fil-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2026 fejn issottolinjaw l-urġenza ta' progress deċiżiv fuq din l-aġenda.

Il-Pjan Direzzjonali Ewropa Waħda, Suq Wieħed maqbul fl-24 ta' April 2026 bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, u approvat mill-mexxejja tal-UE, jistabbilixxi wkoll ħames elementi kostitwenti strateġiċi biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE, li l-ewwel wieħed minnhom jikkonċerna s-simplifikazzjoni tar-regoli. Il-Pjan Direzzjonali jistabbilixxi skadenzi prijoritarji għall-finalizzazzjoni tal-pakketti omnibus pendenti kollha sa tmiem l-2026, u l-proposti omnibus dwar it-tassazzjoni u l-prodotti tal-enerġija sa mhux aktar tard mir-raba' trimestru tal-2027.

¹ Rispettivament "Much more than a market" u "The future of European competitiveness".

² Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea

SITWAZZJONI ATTWALI

Il-Presidenza Ċiprijotta ppreżentat rapport ta' progress komprensiv dwar il-pakketti leġiżlattivi ta' simplifikazzjoni omnibus lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Ġunju 2026.³ Mill-għaxar pakketti ppreżentati mill-Kummissjoni fl-2025⁴, sitt pakketti issa ġew iffinalizzati kompletament jew maqbula proviżorjament mill-koleġiżlaturi (il-pakketti Omnibus I-VI), u ġiet maqbula wkoll proviżorjament parti minn pakkett wieħed (Omnibus VII – l-Omnibus dwar l-IA). Fl-24 ta' Ġunju 2026, il-COREPER qabel dwar mandat għan-negozjati dwar parti mill-pakkett dwar l-ambjent (Omnibus VIII). Id-diskussjonijiet dwar l-elementi pendenti tal-pakketti ppreżentati fl-2025 (il-pakketti Omnibus VII-X) ser ikompli fil-Kunsill taħt il-Presidenza Irlandiża. Fl-24 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ressqet żewġ pakketti oħra dwar it-tassazzjoni (Omnibus XI) u l-prodotti tal-enerġija (Omnibus XII). Il-programm ta' Hídma tal-Kummissjoni għall-2026 jipprevedi wkoll pakkett taċ-Ċittadini (Omnibus XIII) fir-raba' trimestru tal-2026.

Fil-Komunikazzjoni għal ġabra ta' regoli tal-UE aktar Sempliċi, aktar Faċli u Infurzati Aħjar tagħha, ippubblikata fit-28 ta' April 2026, il-Kummissjoni tistabbilixxi għadd ta' prinċipji ewlenin għal simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar u intrabtet li twettaq tindif regolatorju fil-fond tal-acquis tal-UE, b'enfasi fuq 12-il qasam ta' prijorità: il-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi; is-servizzi finanzjarji u bankarji; l-unjoni doganali; it-tassazzjoni; is-saħħa u s-sikurezza alimentari; l-agrikoltura; it-trasport; l-enerġija; il-klima; l-ambjent; il-qasam diġitali; l-akkomodazzjoni u l-permessi. Dan l-aħħar nediet ukoll Pjattaforma ta' Simplifikazzjoni biex tirċievi l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar oqsma għal aktar simplifikazzjoni.⁵

Is-simplifikazzjoni hija fundamentalment dwar regolamentazzjoni aħjar: essenzjalment hi li nnaqqsu il-piż regolatorju filwaqt li tinżamm ambizzjoni għolja f'termini ta' protezzjoni ambjentali, drittijiet fundamentali u standards oħra. F'dan il-kuntest, fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2025, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali adotta Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Simplifikazzjoni u r-Regolamentazzjoni Aħjar⁶, bl-għan li jitrawwem qafas regolatorju simplifikat fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipji ewlenin ta' regolamentazzjoni aħjar.

³ 9834/1/26 REV 1

⁴ Omnibus I (rapportar dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta), Omnibus II (InvestEU), Omnibus III (Politika Agrikola Komuni), Omnibus IV (Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, diġitalizzazzjoni u speċifikazzjonijiet komuni), Omnibus V (Prontezza tad-Difiża), Omnibus VI (Sustanzi Kimiċi), Omnibus VII (Diġitali), Omnibus VIII (Ambjent), Omnibus IX (Settur awtomobilistiku), Omnibus X (Sikurezza tal-Ikel u tal-Għalf)

⁵ ĠU C, C/2026/3005, 3.6.2026

⁶ 16201/25

ORJENTAZZJONI GĦALL-FUTUR

F'konformità mal-gwida mill-Kunsill Ewropew, huwa għalhekk essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE kollettivament iżommu l-momentum mal-aġenda ta' simplifikazzjoni, biex jagħtu riżultati ċari u sinifikattivi liċ-ċittadini. Jeħtieġ li nżommu approċċ strateġiku u mmirat biex niżguraw li s-simplifikazzjoni tista' twettaq l-oġettiv ewlieni tagħha li tnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, u tappoġġa l-kompetittività fit-tul tal-UE filwaqt li żżomm l-għanijiet ta' politika stabbiliti.

Huwa imperattiv li naħdmu bl-urġenza meħtieġa biex nindirizzaw l-isfidi tal-kompetittività tal-UE. Il-benefiċċji tas-simplifikazzjoni jimmaterjalizzaw verament biss permezz tal-effett kumulattiv ta' sforzi sostnuti u miftiehma biex tiġi ssimplifikata l-għabra ta' regoli tal-UE u jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali jaqdi rwol ċentrali fil-monitoraġġ tal-progress dwar l-aġenda ta' simplifikazzjoni fil-Kunsill. Għalhekk huwa xieraq li l-Kunsill jevalwa s-sitwazzjoni attwali tal-progress sal-lum, u jhars lejn l-orjentazzjoni futura tal-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiżgura li nibqgħu fit-triq it-tajba lejn il-kisba tal-oġettivi strateġiċi tagħna.

Biex jiggraw id-diskussjoni, il-Ministri huma mistiedna jikkunsidraw u jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin fl-interventi tagħhom.

Mistoqsijiet:

- 1) Kif nistgħu b'mod kollettiv nsostnu il-momentum bl-aġenda ta' simplifikazzjoni biex innaqqsu b'mod sinifikattiv il-piż amministrattiv u nappoġġaw il-kompetittività tal-UE, mingħajr ma ndgħajfu l-għanijiet ta' politika tal-UE?***
- 2) Liema oqsma ta' politika għandna nipprijoritizzaw għal aktar simplifikazzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, u kif nistgħu bl-aħjar mod inżommu l-enfasi fuq is-simplifikazzjoni li tista' tagħti riżultati malajr?***